# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 ta' Mejju, 2017.**

**Rikors Numru 233/2012 SM**

***Island Bunker Oils Limited***
**(C - 29787)**

**vs.**

***Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited***
**(C – 6052)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti espona sintetikament is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ikkonkludiet ftehim separat ghall-hazna ta' zejt u gass mas-socjeta` intimata, it-tnejn (2) datati t-30 ta' Gunju, 2010, liema zejt u gass kellu jinhazen fil-facilitajiet tas-socjeta` intimata, (ara foll 7 u 19);

1.2. Illi permezz ta' zewg (2) ittri, it-tnejn datati l-24 ta' Marzu, 2011, u kif sussegwentement emendati, l-istess ftehim kien estiz biex ikopri l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu, 2011, u l-31 ta' Mejju, 2011, (ara foll 1, 30 u 31);

1.3. Illi l-iskop tal-ftehim in dizamina kien intiz, fost l-ohrajn, biex:

1.3.1. Is-socjeta` intimata tpoggi l-facilitajiet taghha ghad-disposizzjoni tas-socjeta` rikorrenti;

1.3.2. Is-socjeta` rikorrenti tkun tista hemm tahzen il-prodott li timporta, u tirtira l-istess skont il-bzonn;

1.3.3. Is-socjeta` intimata ghalhekk kienet obbligata tircievi u tahzen tali prodotti tas-socjeta` rikorrenti;

1.4. Illi fil-25 t'April, 2011, l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, (minn issa 'l quddiem, l-Awtorita`), effettwat ordni ta' waqfien f'certu operat tas-socjeta` intimata, (ara foll 69), u irrilaxxat stqarrija ghall-istampa fir-rigward, (ara foll 32);

1.5. Illi l-ordni relattiv inhareg mill-Awtorita` de quo ghaliex is-socjeta` intimata ma kelliex il-permess mehtieg ghat-

> "taghbija u hatt ta' *"fuel"* minn u ghal *"barges"*, cattri, u *"tankers"*; Trasferiment ta' *"fuel"* minn tank ghal iehor; L-attivita` li jsahhnu tankijiet fl-istallazzjoni taghkom", (ara foll 33);

1.6. Illi permezz t'*e-mail* datata s-26 t'April, 2011, is-socjeta` intimata informat lis-socjeta` rikorrenti bl-ordni ta' waqfien in kwistjoni; (ara foll 34);

1.7. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` intimat waqfet tonora l-obbligi kontrattwali li hi kellha fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

1.8. Illi ghalhekk fil-perjodu mis-26 t'April, 2011, sal-31 ta' Mejju, 2011, is-socjeta` rikorrenti ma setghetx tkompli tahzen u/jew tutilizza l-hazna tal-prodotti taghha mizmuma fil-facilitajiet tas-socjeta` intimata, u dan, bi ksur tal-ftehim fuq indikati, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

1.9. Illi giet infurmata li setghet tirtira l-hazna li kellha fil-facilitajiet tas-socjeta` intimata biss f'zewg (2) okkazjonijiet, u dan, bil-permess tal-Awtorita`;

1.10. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` rikorrenti sofriet danni fl-ammont ta' miljun, tmin mija u elf, hames mija u sittax- il dollar Amerikan, (USD1,801,516.00), ekwivalenti ghall-miljun, tliet mija u hamsa u sittin elf, seba' mija u sitta u erbghin euro, u seba' u hamsin centezmu, (€1,365,746.57), bir-rata kif indikata fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2, 8 u 9);

1.11. Illi d-danni rikjamati jinkludu s-segwenti:

1.11.1. Tnaqqis ta' valur tal-prodott mahzun;

1.11.2. Tnaqqis ta' profit fuq nuqqas ta' bejgh;

1.11.3. Spejjez addizzjonali biex il-prodott jintbaghat f'facilitajiet ohra;

1.11.4. *Demurrage* involut;

1.11.5. Hazna tal-prodott li ma gietx ritornata mis-socjeta` intimata;

1.11.6. Interessi;

1.12. Illi sussegwenti ghall-ordni ta' waqfien fuq riferit, l-istess Awtorita` ddikjarat li l-problema ta' rwejjah li kien

hemm fl-akkwati involuti kienet naqset, (ara foll 41 u 42);

1.13. Illi ghalkemm debitament interpellata kemm permezz t'ittra legali, (ara foll 35), kif ukoll permezz t'ittra ufficjali, (ara foll 43), biex thallas id-danni involuti, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.14. Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` rikorrenti intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tas-socjeta` intimata datat il-15 ta' Frar, 2012, (ara foll 45), liema mandat gie segwit bil-procedura odjerna, (ara foll 1);

1.15. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti kellha ghalhekk tadixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.15.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ma onoratx l-obbligi kontrattwali taghha;

1.15.2. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata hi responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' USD1,801,516.00, ekwivalenti ghal €1,365,746.57, jew somma verjuri;

1.15.3. Tillikwida d-danni fl-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

1.15.4. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont hekk likwidati fiz-zewg paragrafi precedenti;

1.15.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 49);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-2 t'April, 2012, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 55):

3.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

3.2. Illi mhux minnu li s-socjeta` intimata ma onoratx l-obbligi kuntrattwali taghha, (ara foll 7 u 19);

3.3. Illi *stante* li s-servizz minnha pprovdut lis-socjeta` rikorrenti ma giex imwaqqaf *a sua sponte* izda in ubbidjenza lejn ordni legittimu tal-Awtorita` in dizamina, u allura tissupervjeni forza magguri fir-rigward;

3.4. Illi d-danni rikjamati mis-socjeta` rikorrenti huma kontestati u jinhtiegu li jigu ippruvati;

3.5. Illi kemm- il darba s-socjeta` intimata tinsab responsabbli ghad-danni, kwalunkwe danni konsegwenzjali naxxenti mill-kuntratti *de quo* gew eskluzi espressament tramite l-klawsola 17 (e) tal-istess kuntratti, (ara foll 11 u 25);

3.6. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom ghalhekk jigu respinti;

3.7. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

3.8. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-dikjarazzjoni sottomessa mis-socjeta` rikorrenti u annessa mal-istess risposta guramentata taghha, (ara foll 56);

5. Rat in-nota datata l-5 ta' Novembru, 2014, li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti irriduciet l-ammont ta' danni minnha mitluba ghal miljun, tliet mija u disgha u disghin elf, mija u tlieta u hamsin Dollaru Amerikan, u hamsa u hamsin centezmu, (USD1,399,153.55), ekwivalenti ghal miljun u seba' u erbghin elf, hames mija u seba' u ghoxrin euro, u tnejn u hamsin centezmu, (€1,047,527.52), ( ara foll 906);

6. Rat id-digriet taghha datat l-24 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jitrattaw il-procedura odjerna bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 1030), kif sussegwentement dekretat ulterjarment fid-digriet taghha fir-rigward datat il-15 ta' Gunju, 2016, (ara foll 1040);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l-31 t'Awwissu, 2016, (ara foll 1043), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata t-28 t'Ottubru, 2016, (ara foll 1051);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

10. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni kummercjali kontrattwali a bazi ta' zewg (2) kuntratti t-tnejn (2) datati t-30 ta' Gunju, 2010, (ara foll 7 u 19), liema kuntratti gew estizi *ai termini* ta' zewg (2) ittri t-tnejn datati l-24 ta' Marzu, 2011, (ara foll 30 u 31);

11.2. Illi permezz tal-estensjoni indikata fil-paragrafu precedenti, il-perjodu kontrattwali bejn il-partijiet gie estiz biex ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Marzu, 2011, u l-31 ta' Mejju, 2011, (ara foll 30 u 31);

11.3. Illi l-operazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti kienet tkopri l-hazna u l-irtirar ta' zejt u gass importat mis-socjeta` rikorrenti fil-facilitajiet tas-socjeta` intimata u mill-istess;

11.4. Illi permezz ta' Ordni ta' Waqfien datat il-25 t'April, 2011, l-Awtorita` ikkoncernata responsabbli mill-ambjent, waqfet lis-socjeta` intimata milli tkompli topera l-facilitajiet taghha ghat-taghbija, hatt u trasferiment ta' zejt mill-*"barges"*, cattri, u tankijiet tal-istess socjeta`, jew li ssahhan l-istess tankijiet, (ara foll 69 u 33);

11.5. Illi konsegwentement, is-socjeta` intimata waqfet tonora l-obbligi kuntrattwali taghha fuq riferiti favur is-socjeta` rikorrenti;

11.6. Illi jirrizulta li qabel mal-Awtorita` *de quo* hadet il-pass drastiku fuq riferit, (ara paragrafu numru hdax punt erbgha, (11.4.), aktar qabel), kien hemm diskussjonijiet bejn l-istess Awtorita` u s-socjeta` intimata biex din tal-ahhar tiehu l-mizuri mehtiega biex tindirizza l-problema tal-irwejjah li kien hemm fid-dintorni tal-istess facilitajiet li kienu ilhom jigu riskontrati sa mill-2003, (ara foll 269);

11.7. Illi ghalkemm f'dawn id-diskussjonijiet kienu gew ukoll esplorati diversi mizuri ohra biex b'xi mod, tigi mmitigata s-sitwazzjoni, s-socjeta` intimata ma jirrizultax li hadet xi passi f'dan ir-rigward, (ara foll 270);

11.8. Illi kien konsegwenti ghal din l-inattivita` tas-socjeta` intimata u ghall-irwejjah nocivi riskontrati, li l-Awtorita` finalment kellha tagixxi, (ara foll 270);

11.9. Illi jirrizulta li kien biss fid-29 t'April, 2011, (allura erbat (4) ijiem wara l-Ordni ta' Waqfien), li s-socjeta` intimata accettat u kkonfermat li kienet ser tiehu dawk il-mizuri mehtiega biex tirrimedja s-sitwazzjoni li kienet holqot, (ara foll 90);

11.10. Illi wara li inhareg l-imsemmi Ordni ta' Waqfien, is-socjeta` rikorrenti setghet biss tirtira u tutilizza l-prodotti li kien ghad kellha maqbudin fl-impjanti tas-socjeta` intimata biss f'okkazzjonijiet specifici u sporadikament, (ara foll 987);

Ikkunsidrat:

12. Illi jirrizulta in effetti illi rizultat tal-Ordni ta' Waqfien rilaxxat mill-Awtorita` *de quo*, (ara foll 69), kontra s-socjeta` intimata, l-istess socjeta` ma setghetx tkompli twettaq l-obbligi kuntrattwali taghha fir-rigward tas-socjeta` rikorrenti *stante* li ma setghetx topera aktar l-impjanti u l-makkinarji li kellha fir-rigward;

13. Illi dan l-Ordni ta' Waqfien fil-fatt kien l-ahhar att ta' saga shiha li kienet qed tizviluppa naxxenti minn irwejjah nocivi li kienu qed jirrizultaw mill-istess impjanti imhaddma mis-socjeta` intimata;

14. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li kien hemm diskussjonijiet ghaddejjin bejn l-Awtorita` u s-socjeta` intimata rigwardanti dawn l-irwejjah nocivi li jirrizultaw li kienu bdew jigu osservati sahansitra mill-2003, (ara foll 269);

15. Illi ghalkemm tul dan il-perjodu kollu kienu gew diskussi diversi mizuri biex tigi b'xi mod mitigata jew rizolta s-sitwazzjoni li zviluppat, jirrizulta li mill-2003 sal-25 t'April, 2011, meta eventwalment inhareg l-Ordni ta' Waqfien, ma kien sar assolutament xejn daparti tas-socjeta` intimata *nonostante* l-effetti nocivi riskontrati fl-inhawi, (ara foll 269 u 270), u l-istess socjeta` intimata qatt ma stallat l-apparat riparattiv mehtieg;

16. Illi konsegwenza tal-mizura drastika riskontrata s-socjeta` rikorrenti ma setghetx tiehu lura l-prodotti taghha li kienu mahzuna fil-facilitajiet tas-socjeta` intimata;

17. Illi jirrizulta li kien biss fid-29 t'April, 2011, (data li ovvjament tigi sussegwenti ghall-hrug tal-Ordni ta' Waqfien fuq riferit), li s-socjeta` intimata finalment accettat u ikkonfermat li kienet ser tiehu dawk il-mizuri mehtiega biex tipprova tindirizza s-sitwazzjoni li zviluppat, (ara foll 90);

18. Illi jirrizulta ghalhekk li s-socjeta` intimata damet sew ma hadet il-mizuri mehtiega li ssolvi l-problema naxxenti mill-hrug ta' fwar b'riha qawwija u nociva mill-impjanti taghha *stante* li jirrizulta li implimentat il-mizuri korrettivi fuqha imposti mill-Awtorita` biss fl-2014 – abbundantement tliet (3) snin wara l-hrug tal-Ordni ta' Waqfien fuq riferit, u hdax- (11) il sena wara

li kienet riskontrata l-problema tal-irwejjah nocivi l-ewwel darba, (ara foll 1016);

19. Illi di piu` jirrizulta wkoll li s-socjeta` rikorrenti giet awtorizzata tirriprendi z-zjut u gassijiet proprjeta` taghha mill-impjanti tas-socjeta` intimata biss fl-2014 ghalkemm jirrizulta li dawn setghu facilment gew rilaxxati fl-2011, (ara foll 1015);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi rigward il-kuntratti in dizamina, (ara foll 7 u 19), jirrizulta sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi dawn gew redatti bil-lingwa Ingliza;

20.2. Illi l-ligi operattiva fir-rigward hi l-ligi Ingliza, (ara foll 12 u 26);

20.3. Illi l-partijiet ipprezentaw zewg opinjonijiet t'esperti *ex parte*, senjatament:

20.3.1. Wiehed ipprezentat minn espert tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 273);

20.3.2. Iehor ipprezentat minn espert tas-socjeta` intimata, (ara foll 934);

Ikkunsidrat:

**A. Rigward l-Inadempjenza Kontrattwali reklamata mis-socjeta` rikorrenti u l-Forza Magguri rikjamata mis-socjeta` intimata:**

21. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li s-socjeta` intimata naqset li tonora l-obbligi kontrattwali li kienet vinkolata bihom maghna;

22. Illi ghalhekk issosstni li s-socjeta` intimata naqset li tadempixxi l-kundizzjonijiet li bihom kienet vinkolata favur is-socjeta` rikorrenti;

23. Illi ssosstni li l-Ordni ta' Waqfien in dizamina kien inhareg ghaliex *nonostante* il-perjodu eccessiv ta' negozjati bejn is-socjeta` intimata u l-Awtorita` *de quo*, l-istess socjeta` baqghet tipprokrastina biex b'hekk l-istess Awtorita` ma kelliex alternattiva hlief li tipprocedi bil-mod li jirrizulta li pprocediet kif fuq indikat;

24. Illi ghalhekk, in sintesi, s-socjeta` rikorrenti ssosstni li l-Ordni ta' Waqfien in dizamina inhareg ghaliex is-socjeta` intimata naqset li tistalla l-mizuri mehtiega biex tigi rizolta l-problema tal-irwejjah nocivi riskontrati li kienet qed tohloq disagg imman fid-dintorni, kif minnha rikjest mill-istess Awtorita`;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi daparti taghha s-socjeta` intimata ssosstni li ma kien hemm l-ebda inadempjenza kontrattwali, u teccepixxi sintetikament:

25.1. Illi hi ma kissret l-ebda obbligi kuntrattwali;

25.2. Illi l-kwistjoni kollha hi naxxenti minn forza magguri fit-termini tal-klawsola 20 tal-kuntratti in dizamina, (ara foll 12 u 25), li titkellem fuq:

> "...restrictions imposed by any governmental authority";

Ikkunsidrat:

26.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

26.1. Illi l-kuntratti in dizamina huma kwazi identici bl-eccezzjoni li:

26.1.1. Wiehed jirreferi ghal magazzinagg ta' zjut, (*"Storing of Fuel Oil"*), (ara foll 7); u

26.1.2. L-iehor, jirreferi ghall-magazzinagg ta' gass, *"Storing Gas Oil"*, (ara foll 19);

26.2. Illi konsegwentement f'dan ir-rigward dak li ser hawn jintqal fil-konfront ta' kuntratt japplika wkoll ghall-kuntratt iehor;

26.3. Illi l-klawsola 20 tal-istess kuntratti tistabbilixxi s-segwenti, (ara foll 12 u 25);

> "Neither Lessor nor Lessee shall be liable in damages or otherwise for any failure or delay in performance hereunder other than obligation to make payment, where such failure or delay is caused by *force majeure*, being any event occurrence or circumstance reasonably beyond the control of that party, including without prejudice ... restrictions imposed by any governmental authority ...";

26.4. Illi s-socjeta` intimata ssosstni li s-servizzi minnha offruti lis-socjeta` rikorrenti ma gewx interrotti minnha *a sua sponte* izda in ubbidjenza ghal ordni specifiku rilaxxat fid-direzzjoni taghha mill-Awtorita` fuq riferita;

26.5. Illi ghalhekk l-istess socjeta` intimata issosstni li l-avvenimenti in dizamina ma kienux fil-kontroll taghha;

26.6. Illi ghalhekk tirrispondi ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti billi tissottometti d-difiza tal-*force majeur*, (ara foll 56);

26.7. Illi min-naha taghha s-socjeta` rikorrenti tirrespingi tali difiza u ssosstni li l-operat in dizamina ma jaqax fil-limiti tal-forza magguri in dizamina;

26.8. Illi *di piu`* is-socjeta` intimata ssosstni wkoll sintetikament is-segwenti:

26.8.1. Illi kienet sorpriza li inhareg l-Ordni ta' Waqfien *de quo*;

26.8.2. Illi ma kellha l-ebda obbligu li tapplika ghal xi permess partikolari fir-rigward;

26.8.3. Illi lanqas ma kellha taghmel xi arrangamenti korrettivi fl-operat taghha;

26.8.4. Illi l-Ordni ta' Waqfien in dizamina kien lil hemm mill-kontroll taghha;

26.8.5. Illi dejjem operat in konformita` mal-ligi;

26.8.6. Illi ssosstni li qatt ma irceviet xi avviz bil-miktub li jekk ma tikkonformax ma xi struzzjonijiet tal-Awtorita`, din kienet ser tirrilaxxa Ordni ta' Waqfien fil-konfront taghha;

26.8.7. Illi l-unika raguni ghalfejn waqfet tipprovdi s-servizzi taghha lis-socjeta` rikorrenti kienet naxxenti mill-Ordni ta' Waqfien *de quo*;

Ikkunsidrat:

27. Illi ghandu jkun pacifiku li l-Ordni ta' Waqfien in dizamina li kien ir-raguni principali ghaliex il-partijiet jinsabu fis-sitwazzjoni prezenti, in effetti hi mizura naxxenti minn operat impost minn awtorita` governattiva fit-termini tal-klawsola 20 fuq riferita, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin punt tlieta, (26.3.), aktar qabel);

28. Illi pero`, jigi immedjatament sottolineat li nonostante dan, ma jistax jinghad li l-Ordni ta' Waqfien *de quo* kienet cirkostanza li kienet:

> "... reasonably beyond the control of that party", (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin punt tlieta, (26.3.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

29. Illi jirrizulta debitament assodat li l-Ordni ta' Waqfien inhareg mill-Awtorita` wara li l-Awtorita` u s-socjeta` intimata kienu ilhom inutilment snin shah fi trattattivi biex tkun rimedjata s-sitwazzjoni tal-irwejjah nocivi riskontrata, (ara foll 270);

30. Illi l-Awtorita` *de quo* kienet qed tesigi li s-socjeta` intimata tindirizza din is-sitwazzjoni billi tintroduci mizuri mitiganti billi tistalla l-apparat mehtieg biex tigi rizolta l-problema riskontrata;

31. Illi jirrizulta li minhabba l-inattivita` tas-socjeta` intimata riskontrata f'dan ir-rigward l-Awtorita` *de quo* kienet finalment:

> "...kostretta tohrog l-*istop orders* in kwistjoni ghaliex il-problema tal-irwejjah ma kienitx qed tigi indivizzata mill-MOBC", (senjatament is-socjeta` intimata), (ara foll 270);

32. Illi in effetti, sal-mument meta iddepona il-*Manager* responsabbli mill-permessi ambjentali fi hdan l-Awtorita` *de quo*, (il-31 ta' Jannar, 2013), il-mizuri rikjesti mill-Awtorita` biex tindirizza s-sitwazzjoni in dizamina b'mod definittiv kienu ghadhom ma gewx stallati b'mod permanenti mis-socjeta` intimata, (ara foll 270);

33. Illi *di piu`*, *stante* li jirrizulta debitament assodat li kien hemm diversi diskussjonijiet u korrispondenza kopjuza bejn l-Awtorita` in dizamina u s-socjeta` intimata fir-rigward, l-istess socjeta` intimata kienet konsapevoli tal-problema ta' natura socjali li kienet qed tohloq fid-dintorni tal-imhazen taghha, (ara foll 84);

34. Illi nonostante din il-konsapevolezza, xorta wahda jirrizulta li injorat l-indikazzjonijiet lilha moghtija mill-Awtorita` biex timplimenta l-mizuri mehtiega biex ma tkunx aktar ta' inkonvenjent u ta' periklu ghas-sahha ta' kull min ikun kostrett ikun fil-vicinanzi tal-imhazen taghha;

35. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li kien minhabba l-intransigenza taghha fir-rigward, b'disdenn ghall-inkolumita` fizika tal-persuni involuti, li l-Awtorita` finalment, wara snin ta' prevarikazzjoni, awtorizzat il-hrug tal-Ordni ta' Waqfien in dizamina;

Ikkunsidrat:

36. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 86 (1) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> "jekk ikun jidher lill-Awtorita` li attivita` tkun qed titwettaq minghajr l-ghoti ta' permess ... jew tkun xort'ohra tmur kontra d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti li jinhargu taht dan l-Att, l-Awtorita` tista' tohrog ordnijiet biex twaqqaf lil kull persuna li tkun qeghda twettaq attivita` bhal dik";

37. Illi ghalkemm ovvjament japplika l-principju *"ignoranza iuris neminem excusat"* jirrizulta pacifiku wkoll li *stante* li s-socjeta` intimata kienet topera fi stat kwazi monopolistiku fis-suq in dizamina, hu wkoll prezunt li kienet ben konsapevoli bil-fakolta` tal-istess Awtorita` li tohrog Ordni ta' Waqfien bhal dak in dizamina, Liema Ordni *del resto*, gia` kien statutorjament kristallizzat;

Ikkunsidrat:

38. Illi fid-dawl tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li jirrizulta assodat li s-socjeta` intimata naqset li tagixxi skont il-klawsoli kuntrattwali in dizamina;

39. Illi di piu`, kif isosstni l-espert *ex parte* prodott mis-socjeta` rikorrenti, biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri, wahda mill-kundizzjonijiet kumulattivi li jridu jigu sodisfatti hi li:

> "There were no reasonable steps that could have been taken to avoid or mitigate the *force majeure* or its consequences", (ara foll 279);

40. Illi *stante* li dan l-element indikat fil-paragrafu precedenti hu nieqes, allura d-difiza tal-forza magguri sollevata mis-socjeta` intimata ma tistax tirnexxi;

41.0. Illi minn ezami tal-fatti prodotti jirrizulta fir-rigward is-segwenti:

41.1. Illi s-socjeta` intimata kienet taf bil-problema tal-irwejjah nocivi in dizamina;

41.2. Illi l-Awtorita` kienet f'diskussjonijiet maghha biex timplementa b'urgenza dawk il-mizuri necessarji;

41.3. Illi *nonostante* it-trapass ta' zmien ezagerat riskontrat, is-socjeta` intimata baqghet ma hadet l-ebda mizura kawtelatorja;

41.4. Illi ghalhekk kienet din l-inattivita` tas-socjeta` intimata fuq perjodu ta' snin li wassal, fl-ahhar, ghall-mizura regolatorja li finalment inharget fil-konfront taghha;

42. Illi konsegwenza tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat l-ewwel (1) talba taghha *stante* li hu assodat li s-socjeta` intimata hi responsabbli tal-inadempjenza kuntrattwali riskontrata;

43. Illi ghalhekk, di piu`, l-ewwel (1) u t-tieni (2) risposti tas-socjeta` intimata ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

**B. Rigward id-Danni rikjamati mis-socjeta` rikorrenti:**

44. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` intimata tinvoka l-klawsola 17(e) tal-kuntratti fuq riferiti, liema klawsola tghid is-segwenti, (ara foll 11 u 25);

> "Except as otherwise provided herein neither party shall be liable to the other for indirect or consequential damages resulting from or arising out of this agreement including without limitation loss of profit or business interruption howsoever same may be caused";

45. Illi min-naha taghha s-socjeta` rikorrenti tistrieh fuq il-klawsola 17 (d) tal-istess kuntratti biex fuqha tibbaza t-talba taghha

ghad-danni minnha mitluba, liema klawsola tghid, (ara foll 11, 24 u 25):

> "Lessor shall hold harmless, indemnify and keep indemnified lessee ... against all liability for injury... loss, damage, claims, costs and expenses arising directly or indirectly from lessor's actions in the receipt, storage or delivery of the products except where arising as a direct result of the negligence of lessee...";

Ikkunsidrat:

46. Illi ghandu jkun pacifiku minn ezami tar-rizultanzi *in atti* li l-vertenza in dizamina ma tirrigwardax danni konsegwenzjali jew indiretti *stante* li l-kawza tal-istess, kif gia` assodat aktar qabel, hi naxxenti mill-inattivita` immani riskontrata fir-rigward, daparti tas-socjeta` intimata;

47. Illi ghalhekk hi l-klawsola 17 (d) fuq in parti reprodotta li hi applikabbli ghas-sitwazzjoni in dizamina;

48. Illi jirrizulta pacifikament assodat li d-danni kkagunati lis-socjeta` rikorrenti huma rizultat dirett tal-inattivita` tas-socjeta` intimata tul perjodu ta' snin meta *nonostante* li xprunata mill-Awtorita` in dizamina biex tagixxi fl-interess tal-gid komuni biex ma tibqax tkun ta' pregudizzju serju ghal kull min ixomm u jassorbixxi l-irwejjah nocivi in dizamina, baqghet inadempjenti;

49. Illi in vista tal-premess, anke r-raba' risposta tas-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

50. Illi fir-rigward tad-danni rikjamati mis-socjeta` rikorrenti hawn indirizzati, iz-zewg esperti legali prodotti mis-socjetajiet kontendenti t-tnejn jikkonkorru fuq il-fatt li s-socjeta` rikorrenti, f'kazijiet simili, trid titpogga fis-sitwazzjoni li kienet tkun fiha li kieku l-kuntratt kien ezegwit skont il-finalitajiet tieghu fih indikati, (ara paragrafu numru disgha u tletin, (39.), a foll 281 u paragrafu numru tmienja punt tlieta, (8.3.), a foll 950);

Ikkunsidrat:

51.0. Illi fid-dawl tad-dikjarazzjoni guramentata ta' direttur tas-socjeta` intimata, jirrizulta li l-istess socjeta` ghandha dritt tirkupra s-segwenti, (ara foll 110 *et sequitur*):

51.1. **Telf fuq il-Valur tal-Prodott Mahzun:**

51.1.1. Illi l-ammont rikjamat taht dan il-kap hu ta' ***USD 724,550.00***;

51.1.2. Illi pero` l-perjodu rilevanti li ghalih jista' legittimament jintalab d-danni mis-socjeta` rikorrenti hu dak minn meta nhareg l-Ordni ta' Waqfien, il-25 t'April, 2011, sal-24 ta' Mejju, 2011, meta gie irtirat il-prodott, (ara foll 69 u 987);

51.1.3. Illi d-danni riskontrati huma d-differenza bejn il-valur tal-prodott in dizamina fis-suq fil-mument ta' meta kellha ssir il-kunsinna u l-valur fid-data ta' meta attwalment gie ikkunsinnjat il-prodott;

51.1.4. Illi kif jghid fir-rigward l-espert *ex parte* tas-socjeta` rikorrenti, (ara paragrafu 79 a foll 290):

> "...these are the relevant 'market' prices of tradable products... as the gas oil and fuel oil deposited at the Defendant's facilities by the Plaintiff, (*recte* "complainant");

51.1.5. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghar-relazzjoni finanzjarja fattwali prodotta mis-socjeta` rikorrenti flimkien mar-rikors guramentat promotur taghha, (ara foll 36), li sosstniet is-segwenti:

51.1.5.i. Illi min-natura tieghu l-prodott in dizamina hu merkanzija li hi facilment kummercjalizzata;

51.1.5.ii. Illi l-prezzijiet fir-rigward jissubixxu flatwazzjonijiet b'mod kontinwu;

51.1.5.iii. Illi s-socjeta` rikorrenti sofriet l-istess telf fuq indikat minhabba t-tnaqqis tal-prezz fis-suq tal-istess prodott;

51.1.6. Illi in vista tal-istess hi l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li l-ammont ta' danni rigwardanti l-prodott mahzun hekk hawn riskontrat, ghandu jigi likwidat favur is-socjeta` rikorrenti;

51.2. **Telf ta' Valur fuq in-Nuqqas ta' Kommercjalizzazzjoni tal-Prodott:**

51.2.1. Illi l-ammont rikjamat taht dan il-kap hu ta' ***USD 377,598.00***;

51.2.2. Illi rizultat tal-Ordni ta' Waqfien mahrug wara l-inattivita` ghal snin shah tas-socjeta` intimata, s-socjeta` rikorrenti ssosstni li ma setghetx tbiegh il-prodott mizmum fil-facilitajiet tas-socjeta` intimata;

51.2.3. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu immedjatament qabel dak precedenti hu rizultat ta' ezami tal-ordinijiet tal-bejgh tas-socjeta` rikorrenti minn socjeta` serja u denja ta' fiducja f'dan il-qasam hekk delikat, (ara foll 37);

51.3. ***Telf ikkagunat minhabba Transport ghal Facilitajiet Alternattivi:***

51.3.1. Illi kif jirritjeni l-istess espert tas-socjeta` rikorrenti danni li jaqghu taht dan il-kap jistghu

jigu debitament irkuprati taht il-ligi Ingliza, (ara foll 292 u 958);

51.3.2. Illi fir-rigward l-istess zewg esperti *ex parte* jsosstnu li dan il-kap gia` ittiehed in konsiderazzjoni taht it-talba precedenti;

51.3.3. Illi konsegwentement *stante* li dan il Kap gia` gie kkunsidrat, qed tastjeni milli terga tiehu konizzjoni tieghu;

51.4. **Telf ikkagunat minhabba d-*Demurrage***:

51.4.1. Illi din is-sottomissjoni tirrigwarda principalment lill-vapur li kien importa l-prodott in dizamina;

51.4.2. Illi *di piu`*, *ai termini* tal-klawsola 13 tal-kuntratti in dizamina, (ara foll 10 u 23), din it-talba kienet espressament dikjarata li mhix applikabbli ghall-kontendenti;

51.4.3. Illi konsegwentement, din it-talba tas-socjeta` rikorrenti m'ghandiex tigi akkolta;

51.5. **Telf rigwardanti l-*"Bottom Stock"* taz-Zejt:**

51.5.1. Illi dan il-*"bottom stock"* jirrizulta li ma giex rilaxxat mit-tankijiet tas-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti;

51.5.2. Illi kif isosstni l-istess espert legali riprodott mis-socjeta` rikorrenti dan il-kap jirrigwarda vertenza separata mill-kwistjoni tal-Ordni ta' Waqfien u tas-sospensjoni tas-servizz taht il-kuntratti in dizamina, (ara paragrafu 103 a foll 293);

51.5.3. Illi l-ammont involut hu ta' ***USD497,676.00*** (ara foll 293);

51.5.4. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` intimata tistrieh fuq il-klawsola 7 tal-kuntratti in dizamina, (ara foll 8 u 20), li tirritjeni li hu l-*"exemption clause"*;

51.5.5. Illi skont l-istess espert tas-socjeta` rikorrenti din il-klawsola partikolari:

> "... will be construed against the Defendant (*contra proferentem*)"

u ghalhekk ma tezonorax lis-socjeta` intimata mir-responsabbilitajiet taghha ghad-danni favur is-socjeta` rikorrenti, u dan ghaliex, (ara foll 294 paragrafu 106):

51.5.5.i. Illi l-hazna u l-konsenja taz-zejt tas-socjeta` rikorrenti kien l-iskop principali tal-obbligazzjonijiet tas-socjeta` intimata;

51.5.5.ii. Illi l-*periculum* involut jirrigwarda t-telf jew dannu kkawzat lill-prodott involut;

51.5.5.iii. Illi s-socjeta` intimata naqset li tipprova li kien hemm xi dannu fir-rigward izda li l-ammont ta' stokk involut kien semplicement mizmum abbuzivament mis-socjeta` intimata u li tieghu s-socjeta` rikorrenti qed titlob ir-risarciment;

51.5.5.iv. Illi l-fatti fuq esposti fir-rigward ma jaqghux taht il-klawsola ezentiva fuq riferita;

51.5.5.v. Illi s-socjeta` intimata ghandha l-obbligu, bhala depozitarja, li tirritorna l-ammont intier ta' zejt

depozitat ghandha, u sta ghaliha li tipproduci dik il-prova li permezz taghha turi li tkun effettwat tali konsenja fl-interezza taghha;

51.5.5.vi. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax tistrieh fuq il-klawsola 7 fuq riferita;

51.5.5.vii. Illi in effetti hawn *si tratta* ta' nuqqas tas-socjeta` intimata milli tirritorna dan il-*"bottom stokk"* lis-socjeta` rikorrenti kif hi kienet obbligata li taghmel skont il-kuntratti in dizamina;

51.5.5.viii. Illi skont in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta` rikorrenti datata l-5 ta' Novembru, 2014, (ara foll 906), jirrizulta li l-istess socjeta` irtirat ammont ta' prodott ekwivalenti ghal ***USD403,362.45***;

51.5.5.ix. Illi konsegwentement id-danni riskontrati m'ghadhomx ikunu dawk originarjament minnha rikjamati ta' USD497,676.00, (ara foll 293), izda id-differenza bejn it-tnejn, senjatament (**USD94,313.55**);

51.5.5.x. Illi konsegwentement, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat dan il-kap izda li l-ammont lilha dovut mis-socjeta` intimata hu ghalhekk dak indikat fis-sotto-paragrafu precedenti rizultanti min-nota ta' riduzzjoni fuq riferita;

51.6. **Imghaxijiet Legali involuti:**

51.6.1. Illi skont l-istess espert *ex parte* tas-socjeta` rikorrenti, taht il-ligi Ingliza parti interessata hi intitolata ghall-imghaxijiet legali, (ara foll 295);

51.6.2. Illi l-bazi ta' dan ir-rekwizit hi:

51.6.2.i. Kemm il-*"Common Law"* Ingliza;

51.6.2.ii. Kif ukoll il-poteri statutorji tal-Qrati Inglizi ghalkemm f'dan il-kaz l-imghax ikun wiehed semplici;

51.6.3. Illi skont ir-relazzjoni kontabbli pprezentata *in atti*, ghar-ragunijiet hemm indikati l-imghax dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti hu ammontanti ghal ***USD 25,336.00***, (ara foll 39 u 40);

51.7. **Spejjez Ulterjuri:**

51.7.1. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li l-ispejjes zejda inkorsi ghall-konsenja taz-zejt involut, hu l-ammont ta' ***USD 7,508.00***;

51.7.2. Illi ghar-raguni esposta mill-istess espert *ex parte* tas-socjeta` rikorrenti (ara foll 295), hu legittimu li anke taht il-ligi Ingliza dan l-ammont ghandu jigi rekuperat mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

52.0. Illi fid-dawl tas-suespost allura, l-ammont komplessiv ta' danni li s-socjeta` rikorrenti ghandha tircievi mis-socjeta` intimata ghandu jigi likwidat bil-mod segwenti:

52.1. **Telf tal-Prodott Mahzun: USD724,550.00**

52.2. **Nuqqas ta' Kummercjalizzazzjoni tal-Prodott: USD377,598.00**

52.3. **Telf ta' *"Bottom Stock":* USD 94,313.55**

52.4. **Imghaxijiet Legali: USD 25,336.00**

52.5. **Spejjez Ulterjuri: USD 7,508.00**

***TOTAL KOMPLESSIV: USD1,229,305.55***

Ikkunsidrat:

53.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, fil-limitazzjonijiet fuq esposti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

53.1. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fil-limiti fuq esposti;

53.2. Tirrespingi r-risposti tas-socjeta` intimata;

53.3. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ma onoratx l-obbligi kontrattwali taghha;

53.4. Tiddikjara li ghar-ragunijiet kif fuq esposti s-socjeta` intimata hi responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti;

53.5. Tillikwida d-danni komplessivi sofferti mis-socjeta` rikorrenti kif fuq espost fl-ammont ta' miljun, mitejn u disa' u ghoxrin elf, tliet mija u hamsa u sittin Dollaru Amerikan u hamsa u hamsin centezmu, (USD1,229,365.55);

53.6. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva hekk likwidata fil-paragrafu precedenti;

53.7. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti mid-data tal-ittra ufficjali datata l-5 ta' Lulju, 2011, sad-data tal-pagament effettiv.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**